StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta

**IL-ĦAMES SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Ġenerali*) IL-ĦIN: Siegħa u tliet kwarti**

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha SITT Taqsimiet (A, B, C, D, E u F). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A: Imla l-vojt billi tagħżel il-kelma t-tajba:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| l-inklużjoni | mobbiltà residenzjali | dipendenti | opportunitajiet indaqs | is-servizzi soċjali |
| interazzjoni soċjali | dritt | kontributorji | l-inugwaljanza | ġustizzja soċjali |

1. ________________________ fis-soċjetà hija forma oħra ta' inġustizzja soċjali.
2. Il-gruppi jistgħu joffru l-aħjar ambjent għall-________________________.
3. ________________________ huma l-mezz li bihom il-gvern iqassam il-ġid tal-pajjiż b'mod aktar ġust.
4. Li jkollok dar diċenti huwa bżonn bażiku kif ukoll ________________________.
5. ________________________ tfisser meta tieħu dak li ħaqqek.
6. Persuni ________________________ huma dawk li għandhom bżonn lil ħaddieħor.
7. Is-servizzi ________________________ huma dawk li l-individwu jikkontribwixxi għalihom.
8. ________________________ tfisser meta n-nies imorru joqogħdu f'post ieħor.
9. Il-liġi tal-________________________ tħares id-drittijiet ċivili ta' persuni bi bżonnijiet speċjali.
10. ________________________ għandha l-għan biex tintegra lil kulħadd fis-soċjetà.

**(10 marki)**

**Taqsima B: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba:**

1. **X'inhu *welfare state*?**

a) iċ-ċekk tal-paga
b) għajnuna organizzata mill-Istat
ċ) il-karità

www.StudentBounty.com
·Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. **Il-ġeneru jirreferi għal**
a) diviżjoni soċjali bbażata fuq is-sess tagħna
b) tfal żgħar
ċ) xi ħaġa bijoloġika

3. **Id-demografija hija**
a) in-numru ta' nies li jgħixu f'żona partikolari
b) il-karatteristiċi fiżiċi ta' pajjiż
ċ) l-istudju tal-popolazzjoni umana

4. **L-Aġenzija Sedqa tagħti appoġġ lil persuni**
a) li jbatu mill-vizzju tad-droga
b) bi bżonnijiet speċjali
ċ) anzjani

5. **Persuni żvantaġġjati**
a) ikunu sinjuri
b) ikollhom bżonnijiet speċjali
ċ) ma jkollhom bżonn xejn

6. **Emigrazzjoni tfisser**
a) meta n-nies jiġu sfurzati jitilqu mill-pajjiż
b) meta n-nies jitilqu biex imorru f'pajjiż ieħor
ċ) ċaqliq tan-nies fl-istess pajjiż

7. **Interdipendenza tfisser**
a) ħadd m'għandu bżonn lil ħadd
b) kulħadd jagħmel li jrid
ċ) kulħadd huwa bżonn xulxin

8. **Esklużjoni soċjali sseħħ meta persuna tiġi**
a) aċċettata fis-soċjetà
b) imwarrba mis-soċjetà
ċ) sfurzata biex tagħmel xi ħaġa

9. **Globalizzazzjoni tfisser meta l-pajjiżi**
a) jiġġieldu bejniethom
b) ma jikkooperawx flimkien
ċ) jiffurmaw villaġġ globali

10. **Soċjetà multikulturali**
a) tħaddan fiha kulturi differenti
b) hija waħda diżorganizzata
ċ) tkun magħmula minn razza waħda

**(10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C: Għid jekk hux VERU jew FALZ u għid għaliex:**

1. Iċ-*children's allowance* tingħata mill-Istat biex tgħin lill-anzjani. Veru/Falz

   Għaliex? ______________________________________________

2. Fil-pajjiżi kollha n-nisa jitħallsu iżjed mill-irġiel fuq il-post tax-xogħol. Veru/Falz

   Għaliex? ______________________________________________

3. Il-kummerċ qed jiżdied minħabba l-globalizzazzjoni. Veru/Falz

   Għaliex? ______________________________________________

4. F'Malta l-ispazji miftuħa għar-rikreazzjoni huma limitati. Veru/Falz

   Għaliex? ______________________________________________

5. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom livell ta' għajxien għoli ħafna. Veru/Falz

   Għaliex? ______________________________________________

**(10 marki)**

**Taqsima D: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha fuq karta separata:**

Skont iċ-ċensiment tal-2005, il-popolazzjoni ta' Malta hija ta' 404,039 ruħ. 200,715 huma rġiel, filwaqt li 203,324 huma nisa. Id-densità tal-popolazzjoni ta' Malta, li hija ta' 1,282 persuna għal kull kilometru kwadru, hija meqjusa bħala waħda mill-ogħla fid-dinja għaliex hemm ħafna nies meta mqabbla maċ-ċokon tal-gżira. Huwa mistenni li sas-sena 2025 il-popolazzjoni ta' Malta se tkun laħqet l-424,028 ruħ. Bħal kull pajjiż żviluppat ieħor Malta wkoll qed tħoss is-sintomi ta' soċjetà li qed tixjieħ. Iċ-ċensiment wera li l-għadd ta' persuni li għandhom bejn il-50 u l-64 sena qed jiżdied b'rata li hija ferm ogħla minn dik ta' pajjiżi Ewropej oħra.

**Mistoqsijiet:**

1. Għid x'inhu **ċensiment.** Kull meta normalment isir ċensiment? (3)
2. Liema fatturi jwasslu għal żieda fil-popolazzjoni? Agħti **ERBA'** eżempji. (8)
3. Spjega x'inhi **densità tal-popolazzjoni**. Semmi **ŻEWĠ** problemi ambjentali li wieħed jiltaqa' magħhom f'reġjuni popolati ħafna. (6)
4. Bħalissa f'pajjiżna ħafna djar qed jitwaqqgħu biex minflokhom jinbnew appartamenti ġodda. Taqbel ma' dak li qed jiġri? Saħħaħ ir-raġunijiet tiegħek billi tagħti eżempji. (4)
5. Fisser x'inhi **urbanizzazzjoni**. Semmi **ŻEWĠ** problemi soċjali li din qed iġġib magħha. (6)
6. Malta qed tħoss is-sintomi ta' soċjetà li qed tixjieħ. Xi jfisser dan? (3)

**(30 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Taqsima E: Fuq karta separata, wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA:**

1. Għaliex ħafna nisa jippreferu jaħdmu fuq bażi *part-time*? Semmi **ĦAMES** raġunijiet.
2. Spjega x'inhi **solidarjetà globali**. Agħti eżempju ta' kif din tista' titwettaq. (5)
3. Semmi **ĦAMES** benefiċċji soċjali li jirċievu ċ-ċittadini Maltin. (5)
4. Fis-soċjetà hemm diversi gruppi soċjali. Barra l-familja, semmi **ĦAMES** gruppi soċjali oħra. (5)

**(20 marka)**

**Taqsima F: Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi u ikteb madwar 180-200 kelma dwaru fuq karta separata:**

1. L-ekonomija hija magħmula minn **ERBA'** setturi. Iddiskuti.
2. Opinjonijiet u valuri differenti jġibu magħhom kunflitt bejn il-gruppi u diżgwid fis-soċjetà. Għandha s-soċjetà tippermetti opinjonjiet differenti? Iddiskuti.
3. Ikteb fit-tul dwar id-differenza bejn **żoni urbani** u **żoni rurali** billi tagħti eżempji.
4. In-nisa jiffurmaw parti kbira mill-popolazzjoni. Madankollu, fid-dinja ħafna min-nisa jiġu ttrattati b'mod differenti mill-irġiel. Iddiskuti fit-tul billi tagħti eżempji.

**(20 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers